MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 65/2008

**Peak Insurance Brokers Limited**

**Vs**

**Maria Victoria Cauchi**
**648882(M)**

**It-Tribunal,**

Illi l-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta’ attrici u fost id-dmirijiet taghha kellha tiehu hsieb diversi pagamenti li kienu jsiru kemm lis-socjeta’ attrici u kemm mis-socjeta’ attrici.

Illi minn investigazzjoni li ghamlet s-socjeta’ attrici, irrizulta li l-konvenuta kienet approprjat ruhha minn ammont konsiderevoli ta’ flus (ammont mitlub elf u hmistax-il Ewro u tlieta u hamsin Ewro centeznu (€ 1015.53)) u konsegwentement l-konvenuta rrizenjat mill-kariga taghha bil-ftehim li kellha tirritorna s-somma li hija kienet approprjat ruhha minna fiz-zmien gimgha.

Illi minkejja li ghadda zmien konsiderevoli, l-konvenuta ghadha ma rritornatx  l-ammont dovut minnha u dan minkejja li intbatitilha ittra ufficjali numru *1862/06*, ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal, jikkundanna l-konvenuta thallas l-ammont approprjat minnha bl-imghax mid-data meta hija hadet il-flus u l-ispejjes in konnessjoni mal-ittra ufficjali u bl-ispejjes tal-kawza presenti.

Ra r-risposta tal-konvenuta li ecceppiet illi preliminarjament, hemm lok ghal korrezzjoni fl-isem tal-konvenuta u kwindi u sakemm issir tali korrezzjoni il-konvenuta mhix il-legittima kontradditrici u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal permess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici u dana stante illi l-konvenuta qatt ma approprjat flus tal-kumpanija attrici jew flus li ma kienux destinati ghaliha, kif qed jigi allegat mis-socjeta' attrici , li minn naha taghha ghandha d-dmir tipprova li kienet il-konvenuta u l-konvenuta biss illi setghet qatt hadet il-flus in kwistjoni u l-ebda persuna ohra.

Illi subordinatament ghat-tieni eccezzjoni, is-somma ta' erba' mija u hamsa u tlettin Lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm 435.85) huma ekwivalenti ghal elf u hmistax-il Ewro u sitta u ghoxri Euro centzmu (€1,015.26) u mhux l-ammont indikat fuq l-ewwel faccata ta'l-Avviz tat-talba u kwindi s-socjeta' attrici ghandha tirregola u tivverifika l-ammont mitlub minnha.

Illi minghajr pregudizzju ghal permess, u fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta qedgha tikkontesta t-talba ghal hlas ta' l-ispejjes relatati mal-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu, 2006 pprezentata mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12, dana stante illi dik l-ittra ufficjali giet ipprezentata abbuzivament u llegalment stante illi l-

ammont in kwistjoni la hu cert u lanqas ma huwa dovut u ghaldaqstant, ghandha tkun is-socjeta' attrici illi ghandha tbati l-ispejjes ta' dik il-procedura inkluzi dawk in konnessjoni mar-risposta tal-konvenuta ta' l-4 ta' April, 2006.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Leslie Borg, jghid li l-konvenuta kienet tahdem maghhom bhala *personal lines executive*, u l-aktar kellha x'taqsam mal-*motor insurance*, mar-*renewals* u mal-poloz godda. Kienet irrizenjat f'Mejju, 2005.

Jispjega li kull impjegat li kien jircievi l-pagament minghand il-klijent, kien izomm "*cash box*." Kien hemm mill-klijenti li kienu jhallsu mar-"*renewal*" jew ihallsu aktar tard. Pero' kuljum is-sistema fil-kompjuter tohrog rapport li imbaghad irid jigi rikonciljat ma' l-operat tal-impjegati. Dan kien isir minn tlett persuni, Gordon Cachia, Marita Borg, mart ix-xhud u Maria Cauchi, l-konvenuta. Generalment kien hemm Denise Zammit li tiehu hsieb din ir-rikonciljazzjoni.
Fuq dan il-kaz, ix-xhud jispjega illi kien hemm klijent li nghata rcevuta li kienet tammonta ghal mija tlieta u hamsin Lira Maltin (Lm153), cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u hamsin Ewro u disgha u tlettin Ewro centezmu, meta fir-*reconciliation report* kien irrizulta li l-figura giet mibdula ghal mija u tmenin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm180.15), cioe' ekwivalenti ghal erbgha mija u dsatax-il Ewro u erbgha u sittin Ewro centezmu. Dakinhar il-konvenuta kienet bil-*leave*, izda ugwalment kienet saret ir-rekonciljazzjoni tal-*cash box* taghha, tal-gurnata precedenti meta kienet hadmet.

Wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, Joseph Cremona kien baghat ghaliha u kien talabha risposta fuq dak li kien irrizultalhom, izda baqghu bla risposta.

Kien hemm incident iehor ghal habta ta' April, 2005, fejn klijent iehor Martin Spiteri, rcieva "*renewal notice*" fl-ammont ta' mija sebgha u tmenin Lira Maltin u erbghin

centezmu (Lm187.40), cioe' ekwivalenti ghal erbgha mija u sitta u tlettin Ewro u tnejn u hamsin Ewro centezmu (€ 436.52), izda tnaqqas il-valur u l-*premium* nizel ghal mija sitta u sittin lira Maltin u tlettin centezmu (Lm166.30), cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u sebgha u tmenin Ewro u sebgha u tlettin Ewro centezmu (€ 387.37), pero', bhala kont inbaghat l-ammont originali da parti tal-konvenuta. Madanakollu, meta saret ir-rikonciljazzjoni, din saret fuq l-ammont ta' mija sitta u sittin lira Maltin u tlettin centezmu (Lm166.30), cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u sebgha u tmenin Ewro u sebgha u tlettin Ewro centezmu (€ 387.37).

Kien meta dan il-klijent kien gie biex ihallas ir-*road licence,* li l-impjegat tas-socjeta' attrici, kien induna b'din id-diskrepanza, Kien ghalhekk li kienu baghtu ghall-konvenuta ghal darb'ohra, u l-unika gustifikazzjoni kienet li kien hemm problema fil-"*cash box*," izda dan ma kienx irrizulta u ftit wara l-konvenuta kienet irrizenjat mix-xoghol.

Wara komplew jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom u kien irrizulta li kien hemm diskrepanzi ohra. Fil-kaz ta' Richard Attard, kien hemm *complimentary slip* mahruga mill-konvenuta bhala rcevuta u mbaghad fis-sistema taghhom l-polza kienet baqqghet tidher bhala "*outstanding.*" Dan kien klijent tramite l-fergha li kellha s-socjeta' attrici f'B'Kara. Meta mar biex igedded il-polza kien mar direttament il-*Head Office* f'Santa Venera u kien minn hemm li harget l-ircevuta f'forma ta' *complimentary slip*.

Kien hemm klijenti ohra li kellhom problemi ta' diskrepanzi u dawn kienu il-familja Pace u Miriam Montfort.

Dwar il-kljent Charles Pace, x-xhud ma setax jikkonferma jekk hallasx *cash* jew cekk ghaliex kien qed jintalab il-hlas tar-*renewal*. Generalment, Pace kien ihallas regolarment, pero', kien hemm zmien meta kien imur ihallas xi xahar wara u kien hemm xi okkazzjonijiet meta ttardja aktar minn xahar. Peress li Pace kien *dealer* tal-karozzi u kien klijent tajjeb, kien jaghti awtorizazzjoni li jhallas il-poloz "*on a credit basis*."

Jikkonferma li l-ammonti li talbu minghand dawn il-klijenti ma kienux dahlu fl-*accounts* tas-socjeta' attrici u lanqas kienu hargu rcevuti ghal pagament.

Jikkonferma li kien jaghti permess lill-konvenuta sabiex Pace jinghata "*credit terms*."

Dwar Jamal Amalal, jghid li f'April, 2003 kien hemm *renewal* tal-polza u fi Frar, 2004 kellha tithallas "*additional premium*" u meta rrizulta li kien hemm "*cancellation*" kienu tawha il-kreditu lura.

Kien hemm laqgha mal-konvenuta f'Settembru, 2005 fejn qablet li thallas ghall-kontijiet tal-*Vodafone* li kienu jhallsu ghan-nom taghha, pero' meta talbuha tiffirma ftehim dwar il-mertu ta' dina l-kawza, kienet irrifjutat u kienu rcevew ittri minghand l-avukati taghha, fejn hi nnegat dak li kienet qed jigi allegat mis-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Charles Pace, li jikkonferma li hu bhala *self-employed* kien imur spiss fl-ufficini ta' *Peak Insurance Brokers Limited* u li familjari kellhom l-vetturi taghhom assikurati mal-istess socjeta'.

Jghid li kien imur ihallas u kien dejjem jaghmel il-pagamenti lil Maria Cauchi. Jghid li bintu Stephanie u huh Jesmond kienu rcevew "*statement*" ghat-talba tal-*premium* u licenziji, li kien cert li kien hallashom ghan-nom taghhom ghaliex kien jiehu hsieb l-assigurazzjoni taghhom.

Jikkonferma li l-ammont ta' Stephanie Pace kien ta' erbgha u sittin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm64.40), cioe' ekwivalenti gha mija u hamsin Ewru u Ewro centezmu (€ 150.01) u ta' Jesmond kien ta' sitta u erbghin Lira Maltin u sebgha u tlettin centezmu (Lm46.37), cioe' ekwivalenti gha mija u tmien Ewro u Ewri centezmu (€ 108.01).

Ra x-xhieda ta' Denise Zammit, li ilha mpjegata bhala *Accounts Executive* sa' minn Mejju, 2002, u li kkonfermat li ma kienitx rceviet pagamenti minn Maria

Cauchi waqt li kienu jsiru d-'*daily reconciliations*" fir-rigward tas-segwenti:-

i) Stephanie Pace – Lm64.40 ekwivalenti ghal (€ 150.01)
ii) Jesmond Pace – Lm46.37 ekwivalenti ghal (€ 108.01)
iii) Charles Pace – Lm78.08 ekwivalenti ghal (€ 181.88)
iv) Richard Attard – Lm95.40 ekwivalenti ghal (€ 222.22)
v) Miriam Montfort – Lm130.50 ekwivalenti ghal (€ 303.98)

Ikkonfermat ukoll illi meta kienet qed taghmel "*reconciliation*" mal-konvenuta fuq Martin Spiteri, kienet innutat li kien hemm rcevuta *6900* fl-ammont ta' mija sitta u sittin Lira Maltin u tlettin centezmu (Lm166.30), cioe' ekwivalenti ghal tlett mija sebgha u tlettin Ewro u sebgha u tlettin Ewro centezmu (€ 387.37) u meta l-istess Spiteri gie jigbor il-licenzja r-ricevuta li kellu kienet fl-ammont ta' mija sebgha u tmenin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm187.40), cioe' ekwivalenti ghal erbgha mija u sitta u tlettin Ewro u tnejn u gamsin Ewro centezmu (€ 436.52) u cioe' kien hemm differenza ta' wiehed u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm21.10) ekwivalenti ghal disgha u erbghin Ewro u hmistax-il Ewro centezmu (€ 49.15).

Ra x-xhieda ta' Joseph Cremona li kkonferma li fil-kapacita' tieghu bhala direttur tas-socjeta' attrici, kien ircieva ittra minghand Albert Montfort fl-4 ta' Lulju, 2005 fejn kien infurmah li kien mar ihallas l-assikurazzjoni tieghu u kien hallas lill-konvenuta in kontanti u kienet infurmatu li kienet ser tibghatlu ricevuta bil-posta, izda din qatt ma ntbaghtet u kien ghalhekk li kien talab appuntament ghal kjarifika, meta rceva *statement* minghand l-istess socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Richard Attard li kkonferma li kien rceva *statement* minghand is-socjeta' attrici fejn talbitu jhallas l-ammont ta' hamsa u disghin Lira Maltin u erbghin

centezmu (Lm95.40), cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin Ewro centezmu (€ 222.22), ghar-*renewal* tal-polza u dan kien ghal habta ta' April, 2005. Pero', jinsisti li hu kien hallas dan l-ammont u fil-fatt kien sab "*complimentary slip*" fejn kien hemm annotat li kien ghamel il-pagament. Jghid li l-persuna li hallas kienet il-konvenuta.

Jikkonferma li kien assikurat mal-fergha ta' B'Kara, izda meta sar jaf li kien hemm fergha ohra Santa Venera, kien beda jmur hemmehkk u kien jitkellem ma' certu Randolph.

Ra x-xhieda ta' Randolph Baldacchino, li kien *manager* fl-ufficju tas-socjeta' attrici f"B'Kara. Kien jahdem hemm bejn is-snin 2002 u 2008. Bhala *manager*, meta kien jigi klijent gdid, kien jibghat *e-mail* lill-*Head Office* u dawn imbaghad kienu jifthu *file* u polza ta' assikurazzjoni. Ma kienx izomm *files* tal-klijenti u jekk kien imur xi klijent ghar-*renewal*, kien jircievi l-pagament u johrog ircevuta. Ghalhekk l-isem ta' Richard Attard, ghalih ma kien ifisser xejn.

Jekk ir-ricevuti ma kienux ikunu lesti, u l-klijent kien jigi jhallas, kien johrog ircevuta wara.

Kien jaf lill-konvenuta ghaliex kienet klijenta tieghu u kienet ukoll kollega ghaliex kienet tahdem fil-*Head Office*.

Jghid li r-ricevuti kien johroghom "*handwritten*."

Ra x-xhieda tal-konvenuta li f'April 2003, kienet tahdem mas-socjeta' attrici fl-ufficju ta' B'Kara u kienet tahdem bhala "*front desk officer*" ghal dak li jirrigwarda *motor insurance*.

Kienet tahdem hemm ghal perjodu ta' sentejn u tghid li qatt ma kellha problema mad-diretturi jew il-*managers* tas-socjeta. Kienet dahlet u hadet il-post ta' Dorianne Cauchi u ma teskludix li kienet hadet "*over*" ix-xoghol pendenti li kienet halliet din Cauchi.

Il-problemi kienu nqalghu biss fit-8 ta' Mejju, 2005 u mhux f'Marzu, meta d-dirigenti tas-socjeta' attrici kienu baghtu ghaliha, u cioe' Leslie Borg u Joe Cremona. Kienu sabu xi diskrepanza fuq *renewal* li kien hallas il-klijent Martin Spiteri. Kien hemm differenza ta' sebgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm27) cioe' ekwivalenti ghal tnejn u sittin Ewro u disgha u tmenin Ewro centezmu. Kienet ammettiet li kien hemm zball da parti taghha u meta d-dirigenti kienu tawha karta fejn kienet qed taccetta r-rizenja taghha, hi ffirmat.

Kien biss ghal habta ta' Settembru/Ottubru, meta dawn id-diretturi kienu baghtu ghaliha ghal darb'ohra u dan minhabba li kien irrizultalhom li kien hemm diskrepanzi ohra fil-flus li kien hallsu l-klijenti taghhom.

Il-konvenuta tichad li kienet hadet dawn il-flus u kellha spjegazzjoni ghad-diskrepanzi li kien hemm.

Dwar il-klijenta Jamal Amalal, il-konvenuta tispjega li kienet ghada kif bdiet tahdem mas-socjeta' attrici u ma kienetx ghadha nghatat "*cash box*," izda kienet tuza' borza. Il-flus tal-polza li kienet hallset il-klijenta kienet poggiethom f'din il-borza, izda dan kien il-gimgha u meta rritornat ix-xoghol, it-Tnejn, ma sabitx dawn il-flus u kienet infurmat lil Joe Cremona, li kien taha cavetta sabiex isakkar il-kexxun fejn kienet izzomm din il-borza u kienet inghatat *"cash box"*. L-impjegati l-ohra kellhom "*cash box*", izda ma kienitx taf x'kien gara mill-"*cash box*" ta' Dorianne Cauchi, izda qatt ma kienet ghaddietilha. Meta saret ir-"r*econciliation*," tghid li ma tiftakarx li kienet irrizultat xi diskrepanza u ghalhekk dan kien ifisser li jew kienet haregt rcevuta jew kienet saret "*input*" fil-kompjuter.

Meta l-klijenta rceviet *invoice* sabiex thallas, tikkonferma li kienet fakkret lil Cremona b'dan u kien kellem lill-klijenta.

Dwar il-klijent Richard Attard, tghid li dan kien jinqeda fil-fergha tas-socjeta' attrici li kellha Birkirkara u kien jaqdih Randolph Baldacchino. Tikkonferma li kien hemm okkazzjoni meta dan Attard kien mar ihallas fl-ufficju ta' Santa Venera u peress li Baldacchino kien izomm il-ktieb tar-ricevuti tal-klijenti li kien jaqdi personalment, ma

setghetx tohrog ricevuta ghal-hlas. Minflok, kienet harget ricevuta bil-miktub u kienet talbet lil Baldacchino sabiex johrog ricevuta huwa stess, izda dan qatt ma gara.

Kienet uriet lil Baldacchino li kien hemm il-flus li kien hallas Attard u dawn kienu jinstabu fil-*file* relattiv tieghu u *di piu'* kienet ghaddiet il-*file* direttament lilu. Kien l-uniku klijent ta' Baldacchino li kienet hadet hsieb tieghu u sa' fejn setghet tiftakar, din kienet darba biss. Il-klijenti l-ohra ta' Baldacchino, li kienu jigu fl-ufficju ta' Santa Venera, kienet tiehu hsiebhom Denise u kienet tigbor il-pagament u mbaghad taghmel ir-"*reconciliation*" ma' Baldacchino stess.

Kien hemm klijent iehor Charles Pace, li kien jiehu hsieb il-poloz tal-familjari, fosthom Stephania Pace u Jesmond Pace. Kien dejjem ihallas "*on credit*" u meta kien kwazi wasal ghal limitu u kien ghalhekk li kienet tkellem lil Leslie Pace, li kien dejjem jgeddidlu dan il-kreditu, tant hu hekk li kien hareg polza u kien qal li kellu jmur ihallas ibnu Jesmond Pace, izda sakemm baqqghet tahdem hemm, ma kienx hallas.

Fuq Miriam Montfort, ma kienitx f'posizzjoni li taghti spjegazzjoni ghaliex ma kienitx tafha.

Fl-ahhar tal-gurnata id-*desk officers*, kellhom ighaddu l-hlasijiet li kienu ircevew lil Denize Zammit, li kienet tohrog "*printout*" ta' dawn il-pagamenti u kienet taghmel ir-"*reconciliations*."
Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni, dawn gew sorvolati fil-mori tal-proceduri.

It-Tribunal ser ighaddi biex jikkunsidra t-tielet eccezzjoni u cioe' fejn il-konvenuta tichad li kienet hadet xi flus li kienu jappartjenu lis-socjeta' attrici.

Il-konvenuta tinsisti f'din il-posizzjoni minkejja li kienet iffirmat karta fejn iddikjarat li kienet qed tirrizenja mill-impjieg taghha mas-socjeta' attrici, u dan wara li rrizulta li kien hemm diskrepanza f'wahda mir-"*renewals*."

Is-socjeta' attrici tallega li aktar tard, irrizulta li kien hemm xi diskrepanzi ohra u kien ghalhekk li regghu baghtu ghall-konvenuta, li kienet innegat li kienet hadet xi flus minghand haddiehor.

It-Tribunal ghandu jevalwa, jekk mill-provi migbura, s-socjeta' attrici rnexxielhiex tikkonvincih li l-konvenuta kienet approprjat flejjes li kienu dovuti lejn is-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici pproduciet diversi xhieda li taw spjegazzjoni ta' kif graw l-affarijiet. Richard Attard jikkonferma li kien hallas ir-"*renewal*" u rrizulta li nghata certifikat fuq "*complimentary slip*" li kien hallas, izda mill-file relattiv, kien irrizulta li kien hemm diskrepanza, ghaliex kien hemm "*complimentary slip*" ohra gewwa l-file li kien igib ammont differenti ghal dik li kien inghata l-klijent, anzi kien ammont anqas minn dak li hallas. Kien fuq dan il-kaz, li s-socjeta; attrici talbet ir-rizenja tal-konvenuta.

Kien hemm il-klijenta Montfort u r-ragel taghha, Albert Montfort li kien hallas il-polza u kien sorpriz li kien rega' rcieva *invoice* sabiex ihallas. Identifika l-persuna li kien hallas bhala l-konvenuta.

Charles Pace, li kien klijent iehor tas-socjeta' attrici jikkonferma li minkejja li kien ihallas "*on credit*," kien ihallas lill-konvenuta, li wara kollox kienet tahdem bhala *front desk officer* u li tigbor il-flejjes tal-poloz li kienu wasslu ghall-*renewal*.

Il-konvenuta pero' tinsisti li kien hemm spjegazzjoni ghad-diskrepanzi li nstabu u dan kif kienet infurmat lis-socjeta' attrici. Dwar Jamal tghid li dawn il-flus li hallset il-klijenta, dawn kienu nsterqu.

Fuq Attard tghid li wara li mar ihallas, kienet harget ricevuta nformali fuq "*complimentary slip*," u peress li kellu l-polza ma' fergha ohra tas-socjeta' attrici, mmexxi min Randolph Baldacchino, dan kellu johrog r-ricevuta. Minn naha l-ohra, Baldacchino jinnega li kien qatt sema' b'Richard Attard, bhala klijent.

Fuq Charles Pace, tispjega li dan kien klijent tajjeb u ghalhekk kellu dritt li jhallas "*on a credit basis,*" izda ghall-ammont li qieghed jigi pretiz ghal Pace kellhom ihallsu l-familjari tieghu, ghaliex kien hemm diversi vetturi li kienu jappartjenu lill-familjari u kien jiehu hsieb il-pagamenti taghhom. Pace xehed, izda ma semma' xejn, hlief li kien ihallas lill-konvenuta.

Il-konveuta ppruvat ssib raguniiet plawsibbli sabiex tikkonvinci lil dan it-Tribunal li ma kienitx hadet dawn il-flus, izda s-sahha ta' dak li qalet, tidghajjef mill- istess persuni li ghamlet referenza ghalihom il-konvenuta, bhal Pace, Montfort u Attard, ghaliex ilkoll ikkonfermaw li hallsu lil-konvenuta u ma kellhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici.

Il-konvenuta, bhala impjegata tas-socjeta' attrici, kellha l-obbligu li ddahhal il-flus li tirvievi matul il-gurnata, sabiex filghaxija ssir ir-"*reconciliation*" minn Denise Zammit. Zammit da parti taghha tikkonferma li kienu sabu diversi diskrepanzi fuq il-poloz tad-diversi klijenti, fosthom dawk li semmew hawn fuq. Lanqas il-klijenti bhal Attard, Montfort u Pace, qablu jew taw xi interpretazzjoni bhal dik tal-konvenuta jew sahansitra ssostanzjaw il-verzjoni taghha.

Ghalhekk dan it-Tribunal, ihoss li s-socjeta' attrici rnexxielha tikkonvincih li l-konvenuta kienet approprjat ruhha minn dawn il-flus, anke semplicement, meta kien hemm ammonti kbar, bhal meta harget zewg ricevuti nformali ghal Attard li ma jistax iwassal lil dan it-Tribunal ghal interpretazzjoni ohra, ghajr li l-konvenuta abbuzat mill-impjieg taghha u ghal tul ta' zmien u fuq ir-*renewals* tal-poloz tal-kljenta tas-socjeta' attrici approprjat ruhha minn flejjes li kienu dovuti lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elf  u hmistax-il Ewro u tlieta u hamsin Ewro centezmu (€ 1015.53), bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali li ntbaghtet fl-24 ta’ Marzu, 2006 stante li l-provi jikkontradicu lill-konvenuta, u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------